MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1185/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Antonia Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Antonia Micallef** ta’ 42 sena, bint Vincent u Maria Concetta *nee*’ Spiteri, imwielda Pieta nhar is-26 ta’ Frar 1969, detentur tal-karta tal-identita numru 110569(M) residenti gewwa ‘Manuel’, Flt 2, Triq Sptar Navali, Kalkara, u nakkuzaha;

Talli f’ dawn il-gzejjer matul il-perjodu ta’ bejn l-24 t’ Ottubru 2011 u s-snin ta’ qabel din id-data, b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

1. F’ diversi okkazjonijiet volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f’ diversi propjetajiet li jappartjenu lill Kennerick-John Micallef numru tal-karta ta’ l-Identita 535573(M), liema hsara hija ta’ aktar minn €1164.70 (elf mija u sittax-il ewro u sebghin centezmu) ghad-dannu ta’ l-istess sid;

2. W’aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f’ diversi okkazjonijiet gibt ruhek b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra, u jew b’mod li tkun taf jew ikun imissek tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna;

3. W’aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f’ bosta okkazjonijiet uzajt xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskurajt

milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzajtu b'mod mhux kif imiss;

4. W'aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f' diversi okkazjonijiet bl-imgieba tieghek, hloqt biza' lil ex zewgek Kennerick-John Micallef mill-Birgu li ser tintuza vjolenza kontriha, jew kontra l-persuna jew propjeta, ta' dixxendenti, axxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra kif imsemmija fl-artikolu 222 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

5. W'aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f' diversi okkazjonijiet b' qerq hloqt jew gieghelt jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, kif ukoll iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf liema holqien ta' reat ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

6. W'aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f' diversi okkazjonijiet heddidt bi kliem lil ex zewgek Kennerick-John Micallef;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata;

Semghet l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ l-imputata;

Rat l-artikoli 222, 251(a) u 251(b) tal-kap 9;

Rat l-artikolu 28(a) tal-kap 9 u l-artikolu 7 tal-Kap 446;

Invista ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputata, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u;

Tikkundannha komplessivament ghall-perjodu ta’ prigunerija ta’ xahar (1), liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputata tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tordna ukoll li a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-kap 446 qed tohrogilha ordni tal-probation bil-kundizzjonijiet inkluzi fl-ordni li qed tigi mahruga kontestwalment ma’ tali decizjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------